MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 1684/2010

**Geoffrey Buhagiar (K.I. 10781M)**
**Vs**
**Ghaqda Muzikali San Leonardu**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur qed jitlob lill-konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ disa’ mija u tnejn u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€922.50) rapprezentanti prezz ta’ servizzi fotografici li saru mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenuta li baqghu ma thallsux. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-rispota tal-konvenuta fejn eccipiet illi l-ammont mitlub m’huwiex dovut la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u dan kif ser jigi muri waqt is-smiegh ta’ din il-kawza. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda kollha;

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema’ t-trattazjonijiet tal-partijiet;

Ra l-verbal tas-seduta ta’ nhar is-7 ta’ Dicembru, 2011 li bih il-kawza thalliet ghal-llum ghas-sentenza;

**Kunsiderazzjonijiet:-**
Illi l-attur permezz ta’ din il-kawza qieghed jitlob minghand il-Ghaqda konvenuta il-hlas tas-somma ta’ disa’ mija tnejn u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€922.50) rapprezentanti servizzi fotografici li saru fuq inkarigu tal-istess Ghaqda. Dan qed jigi kontestat mill-Ghaqda konvenuta .

In sintesi l-fatti huma dawn: illi ta’ kull sena mis-sena 2004, fiz-zmien il-festa, l-attur kien jippresta servizzi fotografici ghall-Ghaqda Muzikali San Leonardu. Fis-sena 2009 gie nkarigat mill-Ghaqda Muzikali San Leonardu biex jerga’ jaghti servizzi fotografici fi granet specifici indikati mill-Ghaqda. Ma ntalabx stima tax-xoghol u l-attur qatt ma ta wahda. Meta l-attur ipprezenta l-kont dan ma giex accettat ghaliex skont l-Ghaqda konvenuta kien eccessiv specjalment meta paragunat mas-snin ta’qabel.

Illi ma kienx hemm kontestazzjoni li x-xoghol sar fil-granet indikati mill-attur u cioe fis-19, 20, 21, 22 u 23 t’Awwissu, 2009. L-attur sostna li kien hemm hafna aktar xoghol mis-soltu (ara x-xhieda tal-attur a fol. 16). Dan pero’ kien kontestat mill-konvenuti. Il-President tal-Ghaqda ddikjara li fis-sena precedenti kellhom l-anniversarju tal-150 sena mit-twaqqif tal-Ghaqda u ghalhekk zgur kien hemm aktar xoghol mis-sena 2009 (ara ukoll l-invoices a fol, 36 u 37).

It-Tribunal m’huwiex konvint mill-provi prezentati li matul is-sena in kwistjoni kien hemm hafna aktar xoghol mis-snin precedenti. Ghalkemm l-attur fix-xhieda tieghu jghid

illi fis-snin precedenti kien ha zbalji fil-kont kontrih, it-Tribunal jinnota ukoll illi ta’ kull sena l-attur zied ir-rati tieghu u li dan gie accettat kull sena minghajr oggezzjoni da parti tal-Ghaqda Muzikali. Pero’ fis-sena tal-vertenza odjerna zied il-kont ghall-aktar mid-doppju. It-Tribunal jhoss illi kien ikun aktar ghaqli u onest li kieku infurma lill-membri tal-Ghaqda Muzikali San Leonardu minn qabel li r-rati tieghu kienu ser jirdoppjaw.

Tenut kont ic-cirkostanzi, t-Tribunal ihoss illi l-attur naqas meta ma nformax lill-Ghaqda qabel ma ha l-inkarigu illi hu kien intenzjonat jiccargja aktar mid-doppju hdejn is-snin precedenti (anke jekk fis-snin precedenti ghamel zbalji fil-kontijiet kontrih). Hu kellu jinformahom u jaghtihom l-opportunita’ jaghzlu lil xi haddiehor u/jew jiehdu stima ta’ xi haddiehor. Min-naha l-ohra l-Ghaqda konvenuta ma tistax tippretendi li bniedem ma jithallasx ghax-xoghol tieghu anke jekk l-oggett naqas mill-valur ghalih.

Ghaldaqtstant in vista tac-cirkostanzi  w *abitrio boni viri*, jaqta` u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-attur in parte u jikkundanna lill-Ghaqda konvenuta thallas lill-attur is-somma t’ erba’ mija u hmistax-il ewro (€415) bl-imghax skont il-ligi mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes ta’ dina l-kawza jigu sopportati mill-Ghaqda konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------